


# BIEX INŻOMMUK INFURMAT

Ġunju 2012 Ħarġa Nru. 5


## Aħbarijiet fil-Qosor

- F'għeluq l-ewwel sena minn meta bdejna is-sit elettroniku tagħna www.wirtizzejtun.com, ħsibna biex naqsmu aktar informazzjoni dwar iz-Zejtun u wirtu. Għalhekk kull ġimgħa bdejna ninkludu materjal marbut mad-diversi forom ta' wirt kulturali. L-aktar li ntlaqgħet tajjeb hija ir-rokna marbuta man-niċeċ li nsibu fit-triqat taż-Żejtun.
- Wara r-rapport li deher fuq is-sit elettroniku tagħna dwar is-sejba ta' oqbra f'Bulebel, kien hemm ġurnali elettroniċi li kkwotaw ir-rapport li għamilna aħna. Kaġun ta' hekk kienu bosta nies li wara dawn ir-rapporti daħħlu fuq is-sit tagħna u b'hekk matul ix-xahar t'April kellna rekord ta' aktar minn 4,700 klikk fuq is-sit tagħna.
- Il-parroċċa taż-Żejtun ikkwalifikat għal għajnuna permezz ta' fondi maħruġa mill-Ministeru għat-Turiżmu, Ambjent u Kultura. Parti minn dawn il-fondi ser jintużaw sa biex tittejjeb id-dehra tal-mużew tal-parroċċa. Il-fondi li ser tieħu l-parroċċa jkopru biss parti mill-ispejjeż li hemm bżonn biex il-mużew ta' bil-ħaqq ikun jista' jsir attrazzjoni u aċċessibbli għal kulħadd. Din mhix biċċa xogħol faċli meta wieħed iqis id-diversita' fil-kollezzjoni li hemm u l-fatt li dan il-mużew qatt ma ngħatatlu l-attenzjoni mistħoqqa tul aktar minn 50 sena li ilu li sar.



- Nhar il-Ħamis 29 ta' Marzu fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun, Wirt iż-Żejtun għamlet l-attivita' annwali tagħha marbuta maċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Din is-sena l-attivita' reġgħet ħadet il-forma ta' intervista pubblika. Din id-darba saret ma' l-artiġġjan u restawratur Żejtuni, Vince Abela u ffukat fuq ix-xogħol ta' l-interzjar fl-injam fil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira taż-Żejtun. Din l-attivita' tfakkar l-anniversarju ta' għeluq il-mitt sena minn meta sar is-salib tar-Redentur.

## ARKEOLOĠIJA: Skoperta ġdida ta' oqbra f'Bulebel

Arkeoloġisti taħt is-superviżjoni ta' Sovrantendenza għall-Wirt Kulturali bħalissa qed isegwu xogħolijiet li għaddejjin fiż-Żona Industrijali ta' Bulebel, fil-limiti taż-Żejtun, wara li matul il-bidu tax-xahar t'April instabu xi oqbra fuq sit ta' kostruzzjoni li ser iservi bħala estensjoni moderna mall-fabrika eżistenti tal-Actavis.

Hekk kif is-Sovrantendenza għall-Wirt Kulturali ġew infurmati b'din is-sejba, ittieħdet azzjoni mmedjata u bdew l-investigazzjonijiet meħtieġa. It-terrapin li kien għad fadal fuq is-sit kompla jitneħħa iżda taħt is-superviżjoni kontinwa ta' arkeoloġisti u l-awtorita' regolatorja. Uffiċċjali minn Wirt iż-Żejtun żaru l-post u osservaw is-sejba. Wara li beda jittnaddaf it-terrapin li nġabar minħabba t-twaqqiegħ, hekk kif beda jinkixef il-blat, ġew osservati numru ta' ħofor maqtugħin fil-blat. Jidher li din is-sejba s'issa tinkludi erba' oqbra kbar imħaffrin fil-blat. Qrib wieħed mill-oqbra jidher li kien hemm bir għamla ta' qanpiena u li issa huwa mikxuf sew. Jidhru wkoll numru ta' ġebel maħdum f'daqs kbir u li jinsab miġbur qrib l-istess oqbra.



Dan is-sit jinsab biss madwar 700 metru lejn il-Grigal ta' sit arkeoloġiku ieħor li ġie skopert xi xhur ilu, dak li hemm biswit it-Triq tal-Barrani, fejn kien ser jinbena sptar ġdid. Pero' n-numru ta' oqbra li għadhom instabu s'issa fis-sit il-ġdid huwa ferm anqas minn dak li nstabu f'tal-Barrani. Differenza oħra li stajna ninutaw hija li l-oqbra li nstabu issa huma ferm akbar minn dawk li nstabu f'tal-Barrani.

Wirt iż-Żejtun tistenna b'ħerqa il-publikazzjoni tar-rapporti nvestigattivi li s-soltu jsiru mill-arkeoloġisti wara sejbiet bħal dawn, għaliex huma dawn ir-rapporti li jkomplu jitfgħu dawl fuq l-importanza ta' dawn is-sejbiet. Dawn l-istess rapporti jgħinu lil dawk li jridu jieħdu deċiżjoni dwar il-futur ta' dan is-sit. Nawguraw li l-awtoritajiet kompetenti jagħrfu jsibu bilanċ bejn l-iżvilupp ekonomiku u l-protezzjoni tal-wirt arkeoloġiku u jiġu investiġati t-toroq kollha possibbli sabiex dan il-wirt jiġi mħares.

## *Editorjal:* Jum l-Ambjent

Ta' kull sena, fil-5 ta' Ġunju, madwar id-dinja jiġi imfakkar bħala Jum l-Ambjent. L-iskop ta' dan il-jum huwa li wieħed jieqaf u jaħseb ftit dwar dak li hemm madwaru u x'qed nagħmlu biex nieħdu ħsieb dak li jdawwarna.

Bosta jaħsbu li b'mod individwali ma nistgħu nagħmlu xejn biex insalvaw id-dinja minn aktar ħsara u sfreġju ambjentali għaliex jaħsbu li id-dinja qed tinqered biss minħabba il-pajjiżi l-kbar. Għalkemm huwa veru li l-pajjiżi l-kbar huma l-aktar li qed jagħmlu ħsara ambjentali, ftit naħsbu li aħna stess fl-ambjent ċkejken ta' madwarna qed inkunu aħna stess li nikkawżaw il-ħsara u l-qerda.

Kemm minna kapaċi jikkoreġu raġel milli jarmi il-loqqma tas-sigaret jew il-pakkett vojt ma' l-art? Kemm minna għandhom il-kuraġġ jiġbdu l-attenzjoni ta' xi tfajla biex ma tarmix iċ-*chewing gum* fl-art jew twaħħlu ma' x'imkien? Dawn huma biss okkazzjonijiet żgħar li ftit jirnexxielhom iwaqqfuhom.

Jiena x'qed nagħmel biex nibza' għall-ambjent ta' madwari?

Il-karozza komda u mmur biha kullimkien, anke biex immur nixtri minn għand tal-gazzetti li qiegħed kantuniera l-bogħod. Lit-tfal inwassalhom l-iskola bil-karozza għaliex ma jaslux fil-ħin. Taf xi ħsara jagħmel l-*exhaust* tal-karozza? Mhux biss lil ambjent, iżda wkoll lillna l-bnedmin, minħabba l-gassijiet valenużi li joħorġu meta jinħaraq il-*fuel*. Il-gassijiet li joħorġu mill-magni tal-karozzi saħansitra jieklu lil ġebla tal-binjiet tagħna.

Kieku kellna nimxu flok insuqu, mhux biss inkunu qed nagħmlu anqas ħsara ambjentali, iżda wkoll inkunu qed nagħmlu ġid lil saħħitna bl-eżerċizzju li nkunu qed nagħmlu u wkoll inkunu nistgħu napprezzaw aħjar dak li hemm madwarna. Mill-karozza ftit wieħed jista' japprezza l-wirt mibni u l-arkitettura taċ-ċentri qodma tal-ibliet u l-irħula tagħna.

Irridu nifhmu wkoll li bosta mit-toroq antiki li nsibu fiċ-ċentri tal-ibliet u l-irħula ma kienux ppjanati biex jgħaddu il-vetturi li għandna illum minnhom. Dan it-traffiku li qed jgħaddi minn dawn it-toroq mhux biss qed jikkawża ħsarat, saħansittra strutturali, iżda wkoll qed ikun ta' periklu għar-residenti.

Min għandu aktar minn erbgħin sena jiftakar sew kemm kien ikun hawn tfal jilagħbu fit-toroq speċjalment fil-jiem ta' vaganzi tas-sajf. Illum rari tara lil xi ħadd barra bilqiegħda fuq siġġu wara l-bieb aħseb u ara kemm ser issib dawk iċ-ċorma tfal jiġru u jilagħbu f'ambjent fejn it-triq kienet l-iżvog 'l-barra mill-ħitan tad-dar, f'ambjent san u bogħod mill-periklu.

**IL-FESTA T-TAJBA**

## Il-Mixjiet Kulturali milqugħa tajjeb



Mixja li saret fit-toroq ta' Bisqallin fil-25 ta' Marzu. Din saret bil-lingwa Ingliża u għaliha attendew madwar 75 persuna.



Mixja li saret fl-20 t'April madwar it-toroq ta' Ħal-Ġwann u Ħal-Biżbud u għaliha attendew madwar 70 persuna. Din il-mixja ġiet irrapurtata fuq l-aħbarijiet tal-PBS u fi programm fuq il-Favourite Channel.



Żjara f'numru ta' kappelli fiż-Żejtun saret b'mod speċjali għall-Għaqda Ħbieb Kappelli Maltin. Din saret fis-6 ta' Mejju.

## Żjara lil Forti Sant' Anġlu Qabel ir-Restawr

Nhar il-Ħadd 3 ta' Ġunju, Wirt iż-Żejtun organizzat żjara fil-Forti Sant' Anġlu fil-bidu ta' proġett ta' restawr ta' dan il-forti li qed jittmexxa minn Heritage Malta u bil-għajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja.



## SYMPOSIUM 2012
### THE ZEJTUN ROMAN VILLA
**RESEARCH, CONSERVATION, MANAGEMENT**

**Wara li is-simpożju li kien ppjanat għas-17 ta' Marzu li għadda tħassar minħabba nuqqas ta' fondi, Il-kumitat ta' tmexxija ta' Wirt iż-Żejtun iddeċieda li dan isir fis-6 ta' Ottubru li ġej.**

Dan is-simpożju ser jittratta bħala suġġett il-Villa Rumana taż-Żejtun u għalih diġa għandna kkonfermata l-parteċipazzjoni ta' diversi akkademiċi u esperti minn diversi oqsma fosthom l-arkeoloġija, il-konservazzjoni, l-immaniġġar ta' siti storiċi, it-turiżmu, kif ukoll l-istudji botaniċi.

Żgur li ser tkun ġurnata mimlija b'tagħrif interessanti dwar dan is-sit u siti oħra ta' interess fil-madwar. Grazzi għall-kumitat ta' tmexxija tad-Domus, dan is-simpożju ser isir ġewwa is-sala tad-Domus.

Ir-reġistrazzjoni għal dan is-simpożju ser tiftaħ fil-ġimgħat li ġejjin u ser ikun hemm rata speċjali għall-membri ta' Wirt iż-Żejtun. Din hija okkazzjoni unika u li mhux ta' min wieħed jitlef.



## PUBBLIKAZZJONI

Wirt iż-Żejtun ser tippubblika ktieb dwar il-Villa Rumana taż-Żejtun u li fih ser ikun hemm miġbura il-preżentazzjonijiet kollha li ser isiru fis-simpożju. Din il-ktieb ser ikun bil-lingwa Ingliża u stampat kollu bil-kulur.

Dan il-ktieb ser joħroġ għall-pubbliku wara li jgħaddi is-simpożju, iżda fil-ġimgħat li ġejjin ser inkunu qed nieħdu ordnijiet bi prezz speċjali ta' qabel il-pubblikazzjoni. Jekk int tħobb l-istorja taż-Żejtun, żgur li għandu jkollok dan il-ktieb fil-librerija tiegħek. Kull min hu interessat li jordna kopja għandu jagħmel kuntatt magħna permezz ta' l-email tagħna **wirtizzejtun@gmail.com** sabiex niġbru d-dettalji personali.

## WIRJA DWAR IL-VILLA RUMANA

Matul l-attivita' ta' Żejt iż-Żejtun li ser issir f'Settembru li ġej, ser intellgħu wirja dwar il-Villa Rumana taż-Żejtun.

F'din il-wirja ser jiġu esebiti għall-ewwel darba diversi fdalijiet arkeoloġiċi li nstabu fuq dan is-sit, li grazzi għall-Heritage Malta ser jinħarġu mill-kollezzjoni Nazzjonali u jinġabu iż-Żejtun.

Il-wirja ser tibqa miftuħa sal-ġurnata tas-simpożju li ser isir ġimgħa wara Żejt iż-Żejtun.

## APPELL GĦAL GĦAJNUNA

Għalkemm il-Kunsill Lokali u il-Parroċċa ser joffrulna l-ispazji fejn ser nagħmlu is-simpożju u l-wirja, sa biex jirnexxielna inwettqu dak kollu li għandna ppjanat jeħtieġ li jkollna l-għajnuna finanzjarja permezz ta' sponsorships. Għalhekk jekk tistgħu tgħinu b'dan il-mezz, jew jekk tafu lil min jista' jgħinna, napprezzaw ħafna jekk tinfurmawna.

## Attivitajiet għas-Sajf

**Nhar il-Ġimgħa 6 ta' Lulju filgħaxija ser norganizzaw serata maħsuba biex isir apprezzament ta' l-Għana bħala wirt intanġibbli taż-Żejtun.**



Meħud minn fuq ritratt ta' Anthony Cilia

Din l-attivita' ser issir fil-ġnien Luqa Briffa u għaliha ġew mistiedna Is-Sur Charles Coleiro u Dr Steve Borg. Is-Sur Coleiro ser jispjega lil dawk preżenti d-diversi forom ta' għana u wara kull spjega ser ikollna numru ta' għannejja Żwieten li ser jgħannu siltiet skond il-forom spjegati. Dr Borg ser ikellimna dwar il-ħtieġa li napprezzaw l-għana bħala wirt kulturali b'rabta partikolari maż-Żejtun li huwa magħruf bħala Belt l-Għannejja.

**Bħas-sajf tas-sena l-oħra ser inkunu qed intellgħu xi attivitajiet maħsuba għat-tfal.**

Hija x-xewqa tagħna li matul dan is-sajf insaħħu l-koperazzjoni tagħna ma' għaqdiet oħrajn fiż-Żejtun, b'mod speċjali dawk li jiġbru lit-tfal fihom. Għalhekk ser inkunu qed norganizzaw numru ta' mixjiet speċjali maħsuba għal tfal li jattendu fi gruppi f'għaqdiet u soċjetajiet fiż-Żejtun. Inħeġġukom tibagħtu lit-tfal tagħkom.




Ingħaqad magħna fuq facebook